**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Philip Tanti (ID562849M) u martu Mary Tanti (ID15352M)**

**Vs**

**Bryden Azzopardi**

Rikors Guramentat Numru: 97/16

Illum 15 ta' Dicembru 2016

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat ta' Philip Tanti (ID562849M) u martu Mary Tanti (ID 15352M) li jaqra hekk:

1. Illi permezz ta' skrittura data 30 ta' Marzu 2015 (kopja hawn annessa bhala Dok 'A') l-esponenti krew lill-intimat il-garaxx numru 30 f'The Ivies, Triq il-Mosta, Attard ghall-perjodu ta' sena versu l-kera ta' sebgha mija u erbghin ewro (€370) kull sitt (6) xhur bil-quddiem;

2. Illi l-intimat hallas lill-esponenti s-somma ta' tlieta mija u sebghin Ewro (€370) rapprezentanti l-hlas tal-kera ghall-ewwel sitt (6) xhur

bil-quddiem izda naqas milli jhallas il-kera minnu dovuta ghat-tieni sitt (6) xhur u cioe' ghall-perjodu mid-29 ta' Settembru, 2015 sat-30 ta' Marzu, 2016;

3. Illi l-perjodu lokatizju pattwit, u cioe' sena, ghalaq fit-30 ta' Marzu, 2016 izda l-intimat ghadu qieghed jokkupa l-imsemmi garaxx;

4. Illi l-esponenti jridu jiehdu lura l-pussess tal-garaxx inkwistjoni kif ghandhom kull dritt li jaghmlu skont il-ligi;

5. Illi l-intimat gie interpellat sabiex jirrilaxxja l-pusses vakant tal-garaxx inkwistjoni u jghaddi c-cwievet (inkluz dawk li jahdmu bir-remote control) lill-esponenti pero huwa baqa' inadempjenti u lanqas ma hallas il-kera minnu dovuta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

6. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan l-Onorabbli Bord jilqa' dawn it-talbiet minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza stante li l-intimat m'ghandu ebda difiza x'jaghti ghal dawn it-talbiet, u dan kif konfermat ukoll mir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni guramentata li qed tigi pprezentata flimkien ma' dan ir-rikors.;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandux dan l-Onrabbli Bord:

i) jiddeciedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tar-Kap 69 tal-Ligijeit ta' Malta;

ii) prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, jiddikjara estinta u terminata, ghar-ragunijiet premiss, il–kirja moghtija mir-rikorrenti lill-intimat tal-garaxx numru 30 f'The Ivies, Triq il-Mosta, Attard;

iii) konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi prefiss minn dan l-istess Onorabbli Bord jizogombra mill-garaxx , numru, 30 f'The Ivies Triq il-Mosta, Attard u jirrilaxxja l-pussess vakant tieghu ( u jghaddi c-cwievet

(inkluz dawk dawk li jahdmu bir-remote control) u favur tar-rikorrenti;

iv) jiddikjara illi l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mija u sebghin Ewro (€370) rapprezentanti l-hlas tar-kera relattiva ghar-imsemmi garaxx ghat-tieni sitt (6) xhur u cioe' ghall-perjodu mid-29 ta ' Settembru 2015 sat-30 ta' Marzu, 2016;

v) konsegwentement tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta' tliet mija u sebghin Ewro (€370) bl-imghax mid-29 ta' Settembru 2015 (id-data meta kellu jsir il-hlas skont l-istrittura ta' lokazzjoni);

vi) jiddikjara illi l-intimat b'effett mill-31 ta' Marzu, 2016 qieghed jokkupa l-imsemmi garaxx minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

vii) jiffissa l-ammont gjornaljier dovut ghall-okkupazzjoni bla titolu da parti tal-intimat; u

viii) jikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti tali ammont gjornaljier bhala danni ghail-okkupazzjoni bla titolu b'effett mill-31 ta' Marzu 2016 sad-data tal-efettiv rilaxx tal-pusses vakant tal-garaxx in kwistjoni a favur tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax kontra l-intimat.

Ra li l-intimat gie notifikat skont il-ligi u li ma deherx fis-seduta tallum biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Ra li saret id-dikjarazzjoni guramentata fit-termini tal-ligi.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghdin jitolbu li jirriprendu l-pussess tal-garaxx li huma krew lill-intimat u dan meta t-

terminu lokatizzju pattwit skada izda l-intimat baqa' jokkupa l-istess garaxx minghajr ebda titolu validu. Inoltre' qeghdin jitolbu wkoll l-hlas tal-kera ghat-tieni sitt xhur kif ukoll il-kumpens ghall-okkupazzjoni bla titolu tal-fond.

Peress illi mill-atti jirrizulta li jimmerita li t-talbiet tar-rikorrent jigu milqugha.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti. Ai fini tat-tielet talba tar-rikors jiffissa t-terminu ta' tletin (30) jum sabiex l-intimat jizgombra mill-garaxx numru 30 f'The Ivies, Triq il-Mosta, Attard u jirrilaxxja l-pussess vakant tieghu (u jghaddi c-cwievet inkluz dawk li jahdmu bir-remote control) a favur tar-rikorrenti. Inkwantu ghas-seba' talba tar-rikorrenti l-ammont gjornaljier dovut ghall-okkupazzjoni bla titolu da parti tal-intimat tal-istess garaxx ghandu jigi kalkolat bl-istess rata tal-kera.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax a karigu tal-istess intimat.

Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.

Lorianne Camilleri

Deputat Registratur